MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta 6 ta' Marzu, 2020

Appell Inferjuri Numru: 579/2018/1 LM

**Ivan Zammit (K.I. 379768M)**
***(Appellat)***

***vs.***

**Alison Mary Alnamar (K.I. 126780M)**
***(Appellanti)***

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Alison Mary Alnamar** (K.I.126780M) (minn issa 'l quddiem "l-intimata"), mis-sentenza mogħtija fil-15

ta' Lulju, 2019 (minn issa 'l quddiem "is-sentenza appellata"), mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar (minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"), fejn it-Tribunal iddeċieda illi:

> *"... jiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta u jilqa' t-talba tal-attur limitatament għas-somma ta' elf u mitejn Euro (€1,200) bl-imgħax legali kif mitlub fl-Avviż tat-Talba, ċioé sad-data tal-pagament effettiv. Fiċ-ċirkostanzi it-Tribunal jordna li kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha."*

**<u>Fatti</u>**

2. Il-kwistjoni odjerna bdiet wara li l-intimata kellha bżonn tikri vettura mingħand **Ivan Zammit** (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrent"), li għandu negozju tal-kiri tal-vetturi, u dan għaż-żmien meta l-vettura personali tal-intimata kellha tiddaħħal għat-tiswija wara li kienet involuta f'inċident. Ir-rikorrent u l-intimata ffirmaw ftehim li bis-saħħa tiegħu l-intimata kriet vettura mingħand ir-rikorrent, bil-prezz li oriġinarjament jirriżulta li kien ta' tmintax-il Euro (€18) kuljum, u wara dan il-prezz ġie ridott għal ħmistax-il Euro (€15) kuljum. Mill-provi li tressqu quddiem it-Tribunal jirriżulta li bejn il-partijiet m'hemmx qbil dwar jekk il-prezz ta' ħmistax-il Euro (€15) kuljum kienx negozjat dakinhar stess li l-intimata ngħatat l-vettura, jew inkella dan l-iskont kienx ingħata lilha meta hija marret biex tirritorna l-vettura li kienet ilha fil-pussess tagħha għal madwar ħames xhur. Il-kwistjoni bejn il-partijiet inqalgħet għaliex meta l-intimata rritornat il-vettura lura lir-rikorrent, irriżulta li s-soċjetà assikuratriċi GasanMamo Insurance Limited kienet kopriet il-ħlas għal ammont ta' ġranet,

preċiżament għal 78 jum li matulhom din il-vettura kienet mikrija lill-intimata, iżda l-intimata rrifjutat li tħallas il-bilanċ dovut u baqgħet tinsisti li l-bilanċ dovut għandu jitħallas mis-soċjetà assikuratriċi tagħha. Ir-rikorrent ħa l-pożizzjoni li huwa ffirma l-ftehim dwar l-użu ta' din il-vettura mal-intimata personalment, u għalhekk kwalunkwe ħlas dovut lilu jrid jitħallas mill-intimata.

**Mertu**

3. Ir-rikorrent istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar fejn talab lit-Tribunal jikkundanna lill-intimata tħallsu s-somma ta' elf u mitejn Euro (€1,200), deskritta minnu bħala ċerta, likwida u dovuta, wara li l-intimata naqset milli tħallas il-bilanċ dovut minnha għall-kera tal-vettura tal-għamla Hyundai bin-numru ta' reġistrazzjoni CQZ 687, li kienet kriet mingħand ir-rikorrent meta l-vettura tagħha kienet qiegħda tissewwa. Fit-talba tiegħu lit-Tribunal, ir-rikorrent qal li l-ħlas għall-użu tal-vettura inkwistjoni kien kopert mill-assikurazzjoni tal-intimata għal perijodu ta' tmienja u sebgħin (78) jum, iżda l-intimata b'kollox żammet il-vettura fil-pussess tagħha għal perijodu ta' mija u tmienja u ħamsin (158) jum, u kien għalhekk li r-rikorrent fetaħ il-proċeduri quddiem it-Tribunal sabiex jitlob il-ħlas tal-bilanċ li għadu dovut lilu. Fl-Avviż tat-Talba oriġinali, l-attur ippremetta li l-ħlas għall-użu ta' din il-vettura kellu jinħadem bir-rata ta' ħmistax-il Euro (€15) għal kull ġurnata, u

għalhekk oriġinarjament il-pretensjoni tar-rikorrent kienet għall-ħlas tas-somma ta’ elf u mitejn Euro (€1,200) li għadha dovuta.

Minkejja dan, permezz ta’ rikors ippreżentat mir-rikorrent fl-4 ta’ Frar, 2019, dan iddikjara li fl-Avviż tat-Talba oriġinali mressaq minnu kien hemm żball, u l-ħlas tal-kera għall-użu ta’ din il-vettura kellu jkun ta’ tmintax-il Euro (€18) kull jum. Ir-rikorrent qal li s-soċjetà assikuratriċi GasanMamo Insurance Limited ħallset l-ammont ta’ elf, mija u sebgħin Euro (€1,170) mit-total dovut lilu, filwaqt li l-bilanċ rimanenti li hu qiegħed jippretendi mingħand l-intimata huwa ta’ elf, sitt mija u erbgħa u sebgħin Euro (€1,674). Dan b’differenza mill-bilanċ pretiż oriġinarjament, li kien jammonta għal elf u mitejn Euro (€1,200).

4. Min-naħa tagħha l-intimata ħadet il-pożizzjoni li t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u li m’hemm l-ebda ħlas dovut minnha għall-użu tal-imsemmija vettura.

5. Mill-provi ppreżentati quddiem it-Tribunal, irriżulta li r-rikorrent għandu negozju bl-isem ta’ ‘Xajen Car Hire’, u l-intimata kienet marret għandu fl-1 ta’ Diċembru, 2017, akkumpanjata minn ħabib komuni tagħhom it-tnejn, sabiex tikri vettura mingħandu, wara li l-vettura personali tagħha kienet involuta f’inċident. Ir-rikorrent jgħid li meta huwa kera l-vettura lill-intimata, il-partijiet kienu ftiehmu li l-vettura kienet qiegħda tinkera bir-rata ta’ tmintax-il Euro (€18) kuljum, u dakinhar l-intimata ma semmitlux li kienet ser tħallas xi soċjetà tal-assikurazzjoni. Ir-rikorrent xehed li l-vettura ġiet ritornata lura lilu mill-

intimata fis-7 ta’ Mejju, 2018, u dakinhar l-intimata ma ħallset xejn b’rabta mal-kiri tal-vettura. Ir-rikorrent ikkonferma li hu kien irċieva *cheque* mingħand GasanMamo Insurance Limited għall-ammont ta’ elf, mija u sebgħin Euro (€1,170) bħala ħlas ta’ parti mill-bilanċ dovut lilu. Qal ukoll li kien dakinhar li l-vettura ġiet ritornata lilu mill-intimata, li huwa kien iddeċieda li jnaqqas il-prezz minn tmintax-il Euro għal ħmistax-il Euro għal kull ġurnata li l-vettura damet fil-pussess tal-intimata. Ir-rikorrent qal li huwa ma kellux għalfejn jikkomunika mas-soċjetà tal-assikurazzjoni għaliex il-ftehim huwa kien għamlu direttament mal-intimata.

6. L-intimata qalet li r-rikorrent kien iddeċieda li jtiha skont dakinhar stess li hija marret biex tikri l-vettura, u l-ftehim bejn il-partijiet dejjem kien li l-vettura kellha tinkera bir-rata ta’ ħmistax-il Euro kuljum. L-intimata qalet li r-rikorrent kien f’kuntatt kontinwu mal-*broker* tas-soċjetà tal-assikurazzjoni tagħha, u kien anki tkellem miegħu bit-*telephone* qabel ma hija kienet kriet il-vettura.

## <u>Is-Sentenza Appellata</u>

5. Permezz tas-sentenza mogħtija fil-15 ta’ Lulju, 2019, it-Tribunal ċaħad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimata, u laqa’ t-talba tar-rikorrent limitatament għas-somma ta’ elf u mitejn Euro (€1,200), bl-imgħax legali kif mitlub

oriġinarjament fl-Avviż tat-Talba, u dan wara li t-Tribunal għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Din hija azzjoni għall-ħlas tal-bilanċ dovut wara li l-konvenuta kriet vettura mingħand l-attur fejn parti mis-somma dovuta lill-attur tħallset minn GasanMamo Insurance. Ċentrali għall-kwistjoni u għall-kalkoli rigward il-bilanċ dovut huwa n-nuqqas ta' qbil fis-sens li skont l-attur, ir-rata applikabbli kienet dik ta' tmintax-il euro (€18) għal kull ġurnata filwaqt li skont il-konvenuta, ir-rata applikabbli kienet dik ta' ħmistax-il euro (€15) kull ġurnata.*

*It-Tribunal jirreferi għad-dokument "IZ1" ippreżentat mill-attur fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2019 (a fol. 50). Dan jindika li l-vettuta CQZ687 ittieħdet mill-konvenuta fl-1 ta' Diċembru 2017 u ġiet irritornata fis-7 ta' Mejju 2018. Id-dokument huwa ffirmat minn rental agent u mill-klijenta. Ladarba m'hemmx kontestazzjonijiet dwar il-firem, it-Tribunal ma jsibx diffikultà jikkonkludi li dawn il-firem huma tal-attur u tal-konvenuta.*

*Loġikament, huwa ċar li d-dokument ippreżentat huwa l-kopja tal-istess dokument li kienet miżmuma mill-attur. Fil-fatt, jidher li l-attur għamel notament fuq id-dokument b'pinna ta' inka diversa, li jindika li huwa tħallas elf u mija u sebgħin euro (€1,170), liema ammont kien ikopri l-kirja tal-vettura sas-16 ta' Frar 2018. Dan jikkorrispondi perfettament mal-e-mails ippreżentati mill-konvenuta, fejn jidher ċar li permezz ta' e-mail datata 18 ta' Ġunju 2018, Karl Borg (Motor Claims Adjuster fi ħdan GasanMamo Insurance Ltd) kiteb lil Daniel Schembri (Żabbar Branch Manager fi ħdan MelitaUnipol) u qallu li GasanMamo kienet ser tħallas għall-kiri tal-vettura bejn l-1 ta' Diċembru 2017 u s-16 ta' Frar 2018 għax kien biss bejn dak il-perijodu li l-vettura ma setgħetx tinstaq. L-attur, għalhekk, ġie infurmat li seta' jibgħatilhom kont għal tmienja u sebgħin (78) ġurnata. Dan l-e-mail jinsab a fol. 55 tal-proċess.*

*It-Tribunal ra wkoll e-mail (a fol. 56) datat 9 ta' Mejju 2018 mibgħut mill-istess Karl Borg lill-istess Daniel Schembri fejn intqal li l-maġġor parti tar-replacement parts li kienet teħtieġ il-vettura personali tal-konvenuta kienu waslu fit-22 ta' Jannar 2018. Għalhekk, fil-fehma ta' GasanMamo, il-vettura setgħet kienet kompletament lesta sas-16 ta' Frar 2018. Minn dan, it-Tribunal jifhem li kien għalhekk li GasanMamo*

*ħallsu biss għall-kiri tal-vettura CQZ687 bejn l-1 ta' Diċembru 2017 sas-16 ta' Frar 2018.*

*It-Tribunal idur issa sabiex jara jekk fil-fatt, ir-rata applikabbli għall-kirja kinitx ta' ħmistax-il euro kull ġurnata jew tmintax-il euro kull ġurnata.*

*Jidher ċar mill-assjem tal-provi li l-attur kien sodisfatt li kien tħallas għall-kiri tal-vettura għal tmienja u sebgħin (78) ġurnata. Huwa tħallas elf u mija u sebgħin euro (€1,170) minn GasanMamo. <u>Matematikament</u>, l-ammont ta' elf u mija u sebgħin euro (€1,170) jirriżulta <u>biss</u> meta tkun applikata r-rata ta' ħmistax-il euro (€15.00) kull ġurnata. Kieku r-rata applikabbli kienet dik ta' tmintax-il euro (€18.00) kull ġurnata, ifisser li l-attur kellu jitħallas elf u erba' mija u erba' euro (€1,404) minn GasanMamo.*

*Kieku l-attur ma kienx sodisfatt li jitħallas bir-rata ta' ħmistax-il euro (€15.00) kull ġurnata, huwa kien jipprotesta ma' GasanMamo jew b'xi mod jitlobhom iħallsuh bir-rata ta' tmintax-il euro (€18.00) kull ġurnata. Għalhekk, m'hemm ebda prova li l-attur ma kienx kuntent bir-rata ta' ħmistax-il euro (€15.00) kull ġurnata.*

*Oltre dan ukoll, it-Tribunal josserva illi l-kitba ta' 15-il euro, meta ġiet ikkanċellata l-kitba ta' 18-il Euro, tidher li saret bl-istess pinna u huwa diffiċli li l-attur seta' kellu, kumbinazzjoni l-istess pinna xhur wara.*

*Tenut kont tal-verżjonijiet konfliġġenti fir-rigward ir-rata applikabbli, it-Tribunal osserva dak li ngħad fis-sentenza **<u>Frank Giordimaina Medici et vs William Rizzo et</u>** (deċiża mill-Prim Awla fit-28 ta' April 2004):*

> *"In tema legali jiġi osservat li huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza li f'każ ta' żewġ verżjonijiet diametrikament opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi li l-konvenuti in bażi għall-prinċipju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fiċ-ċitazzjoni. Mill-banda l-oħra però, il-grad ta' prova rikjesti fil-kamp ċivili, b'differenza minn kawżi kriminali fejn il-liġi tesiġi li l-prova tal-ħtija għandha tirriżulta mingħajr dubju raġonevoli, fil-kamp ċivili huwa biżżejjed li jkun hemm ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant. **Din iċ-ċertezza morali rikjesta f'kawżi ċivili hija l-effett tal-bilanċ tal-probabbiltajiet.** Mera possibilità mhux suffiċjenti biex tirradika r-responsabbilità ċivili."*

*It-Tribunal ra ukoll li fis-sentenza **Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et** (deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri) fit-22 ta' Novembru 2002), intqal hekk:*

> *"Irid jiġi osservat ukoll illi anke kieku, gratia argomenti, iż-żewġ verżjonijiet kienu plawsibbli jew possibbli huwa prinċipju ġurisprudenzjali ben affermat illi f'każ ta' żewġ verżjonijiet dijametrikament konfliġġenti dan jiffavorixxi lill-konvenuti in kwantu kien dejjem obbligu tal-attur li jipprova l-allegazzjonijiet tiegħu. Dan fuq l-istregwa tal-massima: "incumbit probatio ei qui dicat non ei qui negat – **Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited,** Appell, Sede Inferjuri, 13 ta' Jannar 1999."*

*It-Tribunal iqis li l-verżjoni tal-konvenut hija li għat-tmienja u sebgħin ġurnata tal-kirja tal-vettura relattiva, li għalihom tħallas minn GasanMamo, huwa kien kuntent jaċċetta r-rata ta' ħmistax-il euro kull ġurnata mingħajr ebda protesta jew talba għal ħlas addizzjonali, iżda permezz ta' din l-azzjoni, huwa jrid issa li dan it-Tribunal iġiegħel lill-konvenuta tħallas għall-kirja tal-vettura għar-rimanenti tmenin ġurnata bir-rata ta' tmintax-il euro għal kull ġurnata. Din il-verżjoni ma tagħmilx sens. Kienet tkun tagħmel sens loġiku kieku l-attur wera ċar li huwa talab ħlas lil GasanMamo bir-rata ta' tmintax-il euro kull ġurnata jew għall-anqas ipprotesta magħhom b'xi mod. L-attur b'ebda mod ma spjega għaliex talab rata ogħla mill-konvenuta meta kien kuntent jaċċetta rata iktar baxxa mingħand GasanMamo. L-attur lanqas ipprovda kopja tal-emails u komunikazzjoni li kellu mal-assikurazzjoni.*

*Oltre dan, hemm ukoll il-konflitt ċentrali bejn l-attur u l-konvenuta, fejn l-attur saħaq li l-ftehim oriġinali bejniethom kien ta' tmintax-il euro kull ġurnata u l-konvenuta saħqet li l-ftehim oriġinali kien ta' ħmistax-il euro kull ġurnata.*

*Id-dokument "IZ1" (a fol. 50), ippreżentat mill-attur stess, fil-fatt juri r-rata ta' tmintax-il euro matugħa u sostitwita bir-rata ta' ħmistax-il euro. L-attur ipprova jispjega li huwa għamel din il-bidla wara li l-vettura ġiet irritornata. Min-naħa tagħha, il-konvenuta insistiet li r-rata ta' ħmistax-il euro kienet ir-rata pattwita sa mill-bidu.*

*Għar-raġunijiet mogħtija, abbażi ta' bilanċ ta' probabbiltajiet, it-Tribunal huwa aktar propens li jkun konvint li fil-fatt, ir-rata pattwita sa mill-bidu kienet dik ta' ħmistax-il euro għal kull ġurnata.*

*Għalhekk, ladarba l-attur fadallu jitħallas ta' tmenin ġurnata ta' kiri tal-vettura, it-Tribunal iqis li t-talbiet tiegħu għandhom jiġu milqugħa iżda b'mod li jitħallas għall-kiri tal-vettura għal tmenin ġurnata bir-rata ta' ħmistax-il euro għal kull ġurnata.*

***Decide***
*Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta u jilqa' t-talba tal-attur limitatament għas-somma ta' elf u mitejn euro (€1,200) bl-imgħax legali kif mitlub fl-Avviż tat-Talba, ċioe sad-data tal-pagament effettiv.*

*Fiċ-ċirkostanzi, it-Tribunal jordna li kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha."*

## L-Appell

6. L-intimata appellanta ppreżentat l-appell tagħha fil-5 ta' Awwissu, 2019, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex,

> *"... tħassar u tirrevoka s-sentenza fl-ismijiet premessi, mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar, fil-ħmistax (15) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019), u konsegwentement tiċħad it-talba tal-attur u tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha mressqa mill-appellanta, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess attur."*

7. L-appellanta tgħid li tħoss ruħha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal għaliex:

(i) it-Tribunal mar kontra d-dettami tal-imparzjalità u tal-ekwità skont il-liġi meta ċaħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tagħha. L-appellanta għamlet riferiment għall-artikoli 992 u 993 tal-Kodiċi Ċivili, li jistipulaw li l-kuntratti għandhom is-saħħa ta' liġi għall-partijiet kontraenti, u l-kuntratti għandhom jiġu eżegwiti bil-buona fede. L-appellanta saħqet li r-regola tal-buona fede ma

tirrigwardax biss il-mument tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt, iżda dan il-kejl japplika wkoll fl-istadju anterjuri għall-formazzjoni tal-kuntratt, u l-vinkolu kontrattwali bejn il-partijiet għandu jiġi rispettat. L-appellanta sostniet li in vista ta' dawn il-prinċipji legali, il-kawża kif proposta mill-attur Ivan Zammit f'ismu proprju hija waħda improponibbli, stante li hi ffirmat il-ftehim rigward il-kiri tal-vettura ma' Xajen Car Rental, Hire and Leasing u mhux miegħu personalment.

(ii) It-tieni aggravju tal-appellanta huwa li t-talba tar-rikorrent appellat hija infondata fil-fatt u fid-dritt, stante li kellha tkun is-soċjetà assikuratriċi li tħallas għall-użu tal-vettura tal-kiri u mhux l-appellanta. In sostenn ta' dan l-argument, l-appellanta qalet li r-rikorrent appellat kien aċċetta ħlas fil-forma ta' *cheque* mingħand GasanMamo Insurance Limited, u l-ftehim li jirregola l-kiri ta' din il-vettura fl-ebda ħin ma kien biss bejnha u l-appellat. L-appellanta sostniet li qabel kriet il-vettura inkwistjoni mingħand l-appellat, hija kienet tkellmet ma' MelitaUnipol, li hija s-soċjetà li magħha kienet assikurata, u dawn min-naħa tagħhom kienu f'kuntatt kemm mal-appellat kif ukoll ma' GasanMamo Insurance Limited. L-appellanta saħqet li l-informazzjoni li kienet tingħata hi dejjem kienet li GasanMamo kellhom iħallsu għall-kiri ta' din il-vettura.

## <u>Ir-Risposta tal-Appell</u>

8. Fir-Risposta tal-Appell tiegħu r-rikorrent appellat qal li huwa persuna *self-employed* li jeżerċita l-kummerċ taħt l-isem 'Xajen Car Rental, Hire and

Leasing’. Huwa żied jgħid li f’dan ir-rigward, kemm il-premessi kif ukoll it-talbiet tiegħu huma marbuta mal-eżerċizzju tiegħu tan-negozju bl-isem ‘Xajen Car Rental, Hire and Leasing’. L-appellat wieġeb li l-ewwel eċċezzjoni tal-appellata hija frivola stante li minn dejjem ġie dikjarat li hemm rabta bejn ir-rikorrent u n-negozju li huwa jiġġestixxi bl-isem ‘Xajen Car Rental, Hire and Leasing’. Huwa qal ukoll li l-ftehim dwar il-kiri tal-vettura inkwistjoni ġie ffirmat biss bejn il-partijiet fil-kawża.

L-appellat għamel riferiment ukoll għall-korrispondenza li kien hemm bejn rappreżentant ta’ MelitaUnipol u r-rappreżentant ta’ GasanMamo, u qal li minn din il-korrispondenza jidher ċar li l-appellanta kienet marret tikri l-vettura mingħajr ma kienet infurmat lis-soċjetà tal-assikurazzjoni tagħha b’dan, u l-ftehim fir-rigward tal-kiri tal-vettura ġie ffirmat mill-appellanta u minnu biss.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti</u>**

9. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex fl-ewwel lok tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellanta fid-dawl ta’ dak li ntqal fil-proċeduri li saru kemm quddiem din il-Qorti kif ukoll quddiem it-Tribunal.

*L-ewwel aggravju:* *il-kawża kif proposta hi improponibbli stante li saret minn Ivan Zammit f'ismu personali u mhux f'isem u għan-nom ta' Xajen Car Rental, Hire and Leasing*

Għad li l-ftehim bejn il-partijiet ġie ffirmat fuq *letterhead* ta' 'Xajen Car Rental, Hire and Leasing', il-proċeduri odjerni ġew imnedija mir-rikorrent Ivan Zammit bħala l-persuna li jiġġestixxi dan in-negozju. L-appellat xehed li hu jaħdem bħala *self-employed,* u n-negozju 'Xajen Car Rental, Hire and Leasing' huwa negozju ġestit minnu personalment. Jirriżulta li kemm l-ittra uffiċjali li ntbagħtet lill-appellanta, u anki fil-premessi tar-rikors imressaq mir-rikorrent, intqal li l-pretensjonijiet tar-rikorrent ġew imressqa minn Ivan Zammit 'eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem 'Xajen Car Rental, Hire and Leasing', u għalhekk kien ċar għall-partijiet li dak li qiegħed jippretendi ħlas għalih ir-rikorrent huwa marbut man-negozju ta' kiri ta' vetturi li huwa jiġġestixxi. Il-Qorti tqis li f'dan il-każ kien jispetta lill-appellanta li tipprova li hija għamlet ftehim ma' persuna differenti mill-appellat. F'dan il-każ l-appellanta kienet marret għand l-appellat flimkien ma' persuna li kienu jafuh huma t-tnejn, ftiehmet miegħu prezz għall-użu tal-vettura, u meta l-partijiet iffirmaw il-ftehim ta' kiri tal-vettura, il-ftehim sar fuq *letterhead* tan-negozju ġestit mill-appellat. Meta l-appellat fittex lill-appellanta għall-ħlas, huwa għamilha ċara li qiegħed iressaq il-pretensjoni tiegħu bħala eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem 'Xajen Car Rental Hire and Leasing', u għalhekk m'hemm xejn irregolari jew

mhux f'postu fil-mod kif l-appellat ivvanta l-pretensjoni tiegħu permezz tal-azzjoni kif proposta minnu.

Il-Qorti fliet bir-reqqa l-appell imressaq mill-appellanta, u tirrileva li filwaqt li hemm partijiet mill-appell li ċertament li ma jirreferux għall-proċeduri odjerni, bħalma hu l-aħħar paragrafu f'paġna numru 5[1], hemm ukoll nuqqas ta' koerenza bejn dak li ġie allegat mill-appellanta li t-Tribunal naqas milli juri imparzjalità u ekwità skont il-liġi fil-konfront tagħha, u l-mod kif din żvolġiet l-argument tagħha dwar jekk meta r-rikorrent ressaq l-azzjoni bħala l-persuna li jeżerċita l-kummerċ bl-isem ta' 'Xajen Car Rental, Hire and Leasing', huwa kien qiegħed jagħmel dan b'nuqqas ta' konsiderazzjoni għal dak li jipprovdu l-artikoli 992 u 993 tal-Kodiċi Ċivili. Għalhekk il-Qorti hija tal-fehma li l-appellanta naqset milli tipprova b'liema mod it-Tribunal ma rrispettax il-prinċipji tal-imparzjalità u l-ekwità fil-konfront tagħha bid-deċiżjoni tiegħu li jiċħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tagħha. Għandu jkun ovvju li fi kwalunkwe proċeduri legali ser ikun hemm parti li tingħata raġun u parti oħra li ser tiġi ordnata toqgħod għat-talbiet jew għall-eċċezzjonijiet imressqa mill-parti l-oħra. Ma jfissirx li għax id-deċiżjoni tal-Qorti ser tkun favur xi parti jew oħra, il-Qorti ma tkunx qiegħda timxi b'imparzjalità jew b'nuqqas ta' ħarsien tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali, kif donnha qiegħda timplika l-appellanta. Wara li l-Qorti teżamina l-provi u l-argumenti miġjuba quddiemha, din trid tiddeċiedi. Hekk għamel it-Tribunal, u din il-Qorti taqbel mad-deċiżjoni li wasal għaliha, li

[1] "Illi din il-kawża prinċipalment tikkonċerna l-ftehim iffirmat bejn il-partijiet datat sitta u għoxrin ta' Novembru tas-sena 2015 rigwardanti bejgħ u reklamar ta' appartament f'Ħaż-Żabbar."

l-eċċezzjoni tal-appellanta dwar l-improponibbilità tal-kawża mir-rikorrent, liema eċċezzjoni ġiet replikata f'dan l-aggravju li ressqet l-appellanta, għandha tiġi miċħuda.

Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

*It-tieni aggravju:* *it-talba tar-rikorrent ma setgħetx tiġi milqugħha stante li hija infondata fil-fatt u fid-dritt. Il-ftehim bejn il-partijiet kien li l-ħlas għall-użu tal-vettura mikrija lill-appellanta kellu jsir mis-soċjetà tal-assikurazzjoni tagħha.*

10. L-appellanta ssostni li l-ebda ħlas ma huwa dovut minnha, stante li l-ftehim bejn il-partijiet kien li l-ħlas għall-użu tal-vettura li kriet l-appellanta, kellu jsir mis-soċjetà assikuratriċi tagħha. In sostenn ta' din il-pożizzjoni tagħha, l-appellanta tgħid li r-rikorrent aċċetta u sarraf iċ-*cheque* mibgħut lilu minn GasanMamo Insurance Limited, u saħqet li l-ftehim dwar il-kiri tal-vettura ma kienx biss bejnha u l-appellat, iżda qabel ġie ffirmat il-ftehim għall-kiri tal-vettura, hija kienet ikkuntattjat lis-soċjetà li kienet assikurata magħha, u dawn min-naħa tagħhom kienu f'kuntatt mar-rikorrent. L-appellanta qalet li s-soċjetà MelitaUnipol, li hija kienet assikurata magħha, kienet infurmatha li

GasanMamo Insurance Limited kellha tħallas għall-vettura tal-kiri u għalhekk l-ebda ħlas ma kien dovut minnha.

Il-Qorti tirrileva li din it-teżi tal-appellanta ma ssibx konfort fil-provi mressqa quddiem it-Tribunal. Mill-provi prodotti jirriżulta li kien hemm korrispondenza bejn rappreżentanti taż-żewġ soċjetajiet tal-assikurazzjoni involuti, u fit-18 ta' Ġunju, 2018, Karl Borg, rappreżentant ta' GasanMamo Insurance Limited bagħat *email* lil Daniel Schembri, rappreżentant ta' MelitaUnipol, liema *email* kienet ukoll ikkupjata lir-rikorrent, fejn intqal li, "*... we can settle car hire from 01.12.2017 till 16.02.2018 as vehicle was not drivable. Ivan, you can forward a total bill for 78 days. F'email* oħra tat-18 ta' Ġunju, 2018, li Karl Borg bagħat lil Daniel Schembri, intqal li, "... *it is true that you advised that vehicle was not drivable but you did not advise that client started to rent a vehicle from the date of accident."* Mill-provi ma jirriżultax li kien hemm qbil minn xi waħda mis-soċjetajiet tal-assikurazzjoni involuti, li kienet disposta li tħallas għall-kera ta' din il-vettura għat-total ta' mija u tmienja u ħamsin (158) ġurnata li din il-vettura kienet fil-pussess tal-appellanta. Mill-provi jirriżulta wkoll li l-appellanta nnegozjat l-kera tal-vettura mal-appellat qabel ma kienet tkellmet mas-soċjetà tal-assikurazzjoni tagħha, u wara li ħadet il-vettura u bdiet tużaha, kellhom isiru l-arranġamenti meħtieġa biex is-soċjetà tal-assikurazzjoni tkopri l-ħlas għall-użu ta' din il-vettura mill-ewwel ġurnata li l-appellanta ħadet pussess tagħha, fattur dan li s-soċjetà tal-assikurazzjoni ma kinitx taf bih.

Inoltre *f'email* oħra tad-9 ta' Mejju, 2018, li Karl Borg bagħat lil Daniel Schembri, jintqal bl-aktar mod ċar li s-soċjetà tal-assikurazzjoni GasanMamo Insurance Limited kienet disposta tħallas għall-użu ta' din il-vettura sa Frar u mhux għat-total ta' żmien li l-vettura kienet fil-pussess tal-appellanta, "*It is true that there were 2 delivered but the bulk of the parts were delivered by 22.01.18 and thus body repairs and even most mechanical repairs could have been done. Only ball joint and mud cover were pending and delivered by the 15.02.2018 so by adding another day, vehicle repairs could have been finished by Friday 16.02.2018.*"

Jirriżulta għalhekk li l-pożizzjoni tas-soċjetà assikuratriċi GasanMamo Insurance Limited kienet ilha magħrufa mill-partijiet fil-kawża. GasanMamo Insurance Limited kienet disposta li tħallas għall-użu tal-vettura għaż-żmien kollu meta l-appellanta ma setgħetx tagħmel użu mill-vettura tagħha għaliex din kienet qiegħda tissewwa. Mill-provi ma jirriżaltax x'kienet ir-raġuni għalfejn il-vettura tal-kiri damet għand l-appellanta sa Mejju. Iżda fi kwalunkwe każ, jekk l-appellanta kellha xi problema ta' dewmien ma' min kien qiegħed jagħmel it-tiswijiet fuq il-vettura tagħha, jew jekk l-appellanta kellhiex ftehim mas-soċjetà tal-assikurazzjoni tagħha li kellha tkun koperta għal vettura tal-kiri matul iż-żmien kollu meta ma setgħetx tagħmel użu mill-vettura tagħha, dawn huma materji estraneji għar-relazzjoni bejn l-appellanta u l-appellat fil-kawża. L-appellat m'għandux ibati telf jew spejjeż minħabba kwistjonijiet li jinvolvu terzi, jew persuni li huwa m'għandu l-ebda relazzjoni kontrattwali magħhom.

F'dan ir-rigward, il-Qorti qieset li lanqas dan l-aggravju tal-appellanta m'għandu jiġi milqugħ peress li mill-provi pjuttost jirriżulta l-oppost ta' dak li qiegħda tallega l-appellanta u l-pożizzjoni li ħadet f'dawn il-proċeduri. Lanqas ma jreġi l-argument tal-appellanta li takkampa mal-fatt li l-appellat sarraf *cheque* li ntbagħat lilu minn GasanMamo Insurance Limited bħala parti mill-ħlas dovut lilu għall-kiri tal-vettura. Dan la għandu jiġi interpretat li din is-soċjetà tal-assikurazzjoni aċċettat li tħallas għall-perijodu kollu li fih l-appellanta kellha l-vettura tal-kiri fil-pussess tagħha, u lanqas m'għandu b'xi mod jippreġudika l-pożizzjoni tal-appellat, li kulma għamel kien li aċċetta l-ħlas parzjali li sar lilu mingħand terz, kif kellu kull jedd li jagħmel. B'din l-aċċettazzjoni ta' dan il-ħlas parzjali, ma jfissirx li l-appellanta nħelset mill-obbligi li evidentement għad għandha fil-konfront tal-appellat.

## <u>Decide</u>

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:**

1) **Tiċħad l-appell tal-appellanta;**

2) **Tikkonferma s-sentenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, mogħtija fil-15 ta' Lulju, 2019, fejn it-Tribunal ċaħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimata u laqa' t-talbiet tar-rikorrent limitatament għas-somma ta' elf u mitejn euro (€1,200) bl-imgħax legali kif mitlub fl-Avviż tat-Talba, jiġifieri sad-data tal-pagament effettiv. Il-Qorti tikkonferma li kull parti għandha**

**tħallas l-ispejjeż tagħha fir-rigward tal-proċeduri li saru quddiem it-Tribunal, filwaqt li hija l-appellanta li għandha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż marbuta ma' dan l-appell.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**